KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| **Ref: Seduta 09_14/10/09 VI** |
|---|

## MINUTI TAD-DISA SEDUTA

**Id-disa seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **14 ta' Ottubru 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |
| **Assenti:** | **Sandra Camilleri**<br>**Cyrus Engerer** |

Is-seduta bdiet fil-5.55pm ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 08_16/09/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Deċiżjoni dwar il-post vakant għall-persuna klerikali
7. Aġġudikazzjoni tat-*tender* – *EU Funding Services*
8. Deċiżjoni dwar il-kuntratti tat-tindif tat-toroq, latrini pubbliċi u *bulky refuse*
9. Deċiżjoni dwar it-*tender* li kien ħareġ – *Provision Various Materials*
10. Dwalijiet madwar is-siġar tal-*promenade*
11. Affarijiet Oħra

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 08_16/09/09.**

1.1 Il-kunsillier E. Cuschieri ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 08_16/09/09 filwaqt li l-kunsillier B. Cali issekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi u l-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti.**

2.1 Il-kunsillier J. Galea fakkar li kellha ssir il-bankina ta' quddiem l-għassa ta' Tas-Sliema. Din għada se ssir.

*Daħal fis-seduta s-sindku N. Dimech fis-6pm*

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**

3.1 Il-kunsillier M. Debono irrimarka dwar il-kont tax-xogħlijiet li saru mil-kuntrattur Tony Aquilina. Huwa qal li jixtieq jiċċekja xi affarijiet fosthom l-ammont ta' sigħat li ġie kkalkulat fil-kont. Huwa qal li hu ma jixtieqx jidħol responsabbli li jivvota favur dan il-kont. Is-sindku ssuġġerixxa li hu flimkien mal-kunsillier M. Debono għandhom jiltaqgħu mas-Sur Tony Aquilina nhar il-Ġimgħa fl-10 ta' filgħodu sabiex jiddiskutu fuq il-post dan li intqal, filwaqt li l-pagament jinżamm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal memo 57/2009 li kienet intbagħtet permezz ta' email għall-attenzjoni tal-kunsilliera dwar il-ġbir ta' skart li tispjega ma' l-allokazzjoni finanzjarja ta' Ottubru-Diċembru 2009 il-wasteserv se tgħaddi lill-kunsill allokazzjoni ibbażata fuq in-numru ta' residenti f'Tas-Sliema biss (stabbilimenti kummerċjali esklużi). Din ir-rata se tagħmel tajjeb għaż-żieda fir-rata għal *dumping charges* ġewwa l-Għallies skont kif hemm spjegat iktar fl-istess Memo 57/2009 'Doc A' annessa. Is-sindku N. Dimech qal li l-kunsill kien diġa ltaqa' mal-GreenPak kif ukoll mil-Green MT sabiex joffru s-servizz ta' ġbir ta' skart separat. Il-kunsill għandu joħroġ sejħa għall-offerti jew *expression of interest* biex jagħżel l-aħjar offerta kif għamlu diġa kunsilli lokali oħra. Is-segretarju eżekuttiv rrefera għad-diversi laqgħat li kien attenda organizzata mil-Assoċjażżjoni tal-kunsilli lokali u wasteserv fejn ġie spjegat b'mod ċar li l-kunsilli lokali jaqblilhom li joffru iktar servizzi ta' ġbir ta' skart separat.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv spjega l-proċess kollu u kif il-kunsill ma jonfoq xejn għal dan is-servizz għaliex min ikun qiegħed jiġbor ikollu l-inċentiv għaliex iżjed ma jiġbor skart iżjed jitħallas mil-Wasteserv skont it-tunnellata. Fl-istess ħin il-kunsill se jibbenifika minħabba li se jkun qiegħed inaqqas mit-tunnellaġġ ta' ġbir ta' skart mħallat minħabba li r-rati fl-Għallies issa żdiedu. Is-segretarju eżekuttiv spjega wkoll li 95% ta' l-iskart minn stabbilimenti kummerċjali jikkonsisti fi skart separat. Il-wasteserv ikkalkulaw fuq ir-residenti għaliex la huma u l-anqas l-kunsill ma jista jagħmel tajjeb għall-iskart tal-ħwienet minħabba l-ammont ta' kartun u skart li jkollhom.

Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace qablu li għandha tinħareġ *expression of interest* u naraw minn minhom se joffri l-aħjar offerta. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll li għandha ssir kampanja edukattiva f'Tas-Sliema dwar

il-ġbir ta' skart separat.

3.4 Wara dan il-proċess il-kunsill għandu mbagħad joħroġ sejħa għat-tender għall-ġbir ta' l-iskart domestiku. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li kien bagħat kopja permezz ta' email lill-kunsilliera kollha, tal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relatati mat-*tender* kif stipulati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-kunsill qal li jista jżid fuq dawn il-kundizzjonijiet. Fuq dan il-punt il-kunsilliera preżenti qablu li l-ħin tal-ġbir ta' skart domestiku għandu jkun mid-9.30am sas-1.30pm. Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dan it-*tender* huwa differenti minn dak li noħorġu ssoltu anke minħabba l-fatt li s-sejħa irridu nġibuha fil-Eures kif ukoll se titħaddem b'sistema ta' 3 *package system*. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandhom jqabbdu konsulent sabiex jgħin għal dan it-tender biss. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta stima mis-Sur Ray Pellicano għal dan ix-xogħol. Il-kunsill qabel ma' dan.

3.5 Is-segretarju eżekuttiv informa dwar dawk li applikaw għal post ta' skrivan fl-uffiċċju tal-kunsill. Ġew *shortlisted* seba min-nies għall-*interview* u ġew magħżula tlieta li huma Roanna Fenech, Joanna Buhagiar u Jean Paul Galea. Il-kunsilliera ġew mgħarfa li l-erba' l-oħra ma kienux interessati jattendu għall-interview. Is-sindku N. Dimech qal li tnejn minnhom (Johanna Buhagiar u Jean Paul Galea) dehru li għandhom ambizzjonijiet ogħla minn dak li qiegħed jitlob il-kunsill u l-kunsill jibża li dawn jagħmlu ftit żmien għall-esperjenza u jitilqu. Minn naħa l-oħra Roanna Fenech kienet l-iżjed waħda li dehret entużjasta li tibda taħdem.

Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace qablu li għandha tintgħażel Roanna Fenech għal din il-pożizzjoni u tibda taħdem mill-ewwel minħabba li trid tiġi mrawma għax-xogħlijiet li jinvolvu s-Sibtijiet.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv informa dwar l-*expression of interest* li kien ħareġ il-kunsill dwar il-magazin fejn il-kunsill kien talab għall-garanzija biex tkopri l-pubblikazzjonijiet. Il-kunsill ġie infurmat li s-Sur Ripard ta' Izzy Inc mhux se jagħmel garanzija bankarja. Il-kunsillier J. Galea qal li IzzyInc kien diġa kitteb fl-applikazzjoni li mhux se jagħmel garanzija bankarja u l-kunsill aċċettah. Min naħa l-oħra l-kunsillier B. Cali qal li IzzyInc ma kienux applikaw skont it-talba fejn irrefera għal-minuti tas-seduta 7Ad_hoc_7/09/09 u qal li l-kunsill kien qabel li l-kuntratt jingħata meta tingħata l-garanzija.

Il-kunsilliera preżenti qablu li għandna nagħmlu l-edizzjoni li jmiss tal-Milied ma' IzzyInc mingħajr ma tinżamm garanzija u tkun bħala prova u naraw skont iċ-ċirkustanzi. F'każ li ma jirnexxix tkun saret edizzjoni speċjali tal-Milied.

Il-kunsilliera ġew imfakkra li kienet intbagħtet email li l-artikli għal li jmiss għandhom jasslu sat-23 ta' Novembru, 2009.

3.7 Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace qablu mat-talbiet għal *reserved parking* fit-toroq: Karm Galea (Rif: 149), Sant' Elena (Rif 151), San Pietru (Rif 150).

3.8 Il-kunsill ma laqax it-talba mingħand *Thomas Smith Insurance* għall-attivita ta' *Vintage Motors Festival 2009.*

3.9 Dwar il-proposta mill-*Environmental Landscape Consortium* sabiex jinbiddlu l-pots minn ċipressi għaliex saru goffi, il-kunsill qabel li għalissa jibqa kollox kif inhu.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv qal li hemm bżonn jiġi inkluż *patching* bil-*hot asphalt* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Sindku qal li xtaq li jastjeni fuq dan il-punt minħabba li joqgħod f'din it-triq. Fuq dan il-punt il-kunsilliera M. Aquilina reġgħet staqsiet meta se ssir Triq San Neriku fejn qalet li l-proċess qiegħed jitwal. Is-segretarju eżekuttiv informa li qegħdin nistennew li joħroġ il-permess mil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' Ilma sabiex jinbeda x-xogħol fi Triq San'Neriku. Is-sindku N. Dimech qal li ġie avviċinat mill-ADT li jistgħu jagħmlu xi toroq bħal Triq il-Kbira ma' Triq it-Torri u Għar il-Lembi. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li tispera li Triq San'Neriku ssir qabel dawn it-toroq imsemmija u wriet id-dispjaċir tagħha għad-dewmien ta' din it-triq, fejn qalet li hi tħoss li n-nies ta' ċertu postijiet huma diskriminati. Is-sindku N. Dimech qal li l-kunsill ilu jirsisti biex issir San'Neriku filwaqt li t-toroq l-oħra se jsiru min-naħa tal-Gvern. Fir-rigward ta' *patching u* bankini fi Triq il-Kulleġġ l-Antik, il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

*Il-kunsilliera P. Pace u N. Gauci ġew skużati mis-seduta fis-7.40pm*

3.11 Il-kunsill ġie infurmat li s-sur Azzopardi Vella fittxna bl-avukat wara li l-kunsill kien żam il-flus talli kien ħadem bl-*iscaffolding* u *tower crane*. Dan il-każ ġie riferut lill-avukat tal-kunsill.

3.12 Il-kunsill ma laqax it-talba mill-Koperattiva Kummerċ Ġust biex tittella attivita fiż-żmien il-Milied fi Pjazza Sant' Anna.

*Il-kunsilliera P. Pace u N. Gauci daħlu fis-seduta fis-7.45pm*

3.13 Talba minn Oxygene Dive Centre biex titnaddaf is-*seabed*. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir l-attivita bil-kundizzjoni li jġibu l-permess tal-pulizija u jorganizzaw kollox huma. Il-kunsill qabel ukoll li jagħti l-għajnuna tiegħu billi jipprovdi xi materjal li ma jaqbiżx il 100 ewro.

3.14 Is-segretarju eżekuttiv qal li għal darb'oħra tnaddfet iż-żona fi Triq Parisio fejn informa lill-kunsill li kellu talbiet biex tingħalaq b'ċint sabiex ma terġax titħammeġ. Il-kunsillier M. Debono qal li ma jaqbilx għaliex hemmhekk tintuża biex jipparkjaw ftit karozzi. Il-kunsill qabel ma dan u għandu jagħmel tabella li tindika li ħadd ma jista jħammeġ f'din iż-żona u jintbagħat gwardjan lokali biex jissorvelja.

3.15 Dar il-proposta tal-banners li kien għamel il-kunsill, il-kunsilliera preżenti qablu li din għandha tintbagħat lill-kunsilliera kollha għall-kummenti.

*3.16* Il-kunsill qabel mal-petizzjoni mir-residenti minn Triq Nathalie Poutiatin biex isir *sleeping policeman.*

3.17 Il-kunsillier P. Pace tkellem dwar l-applikazzjoni ta' Villa Degiorgio fi Triq Dingli fejn indika b'ritratti li l-ftit arja li hemm se tittatta bil-proġetti. Il-kunsill ġie infurmat li d-data għall-oġġezzjoni kienet diġa għalqet, madandkollu l-kunsill qabel li għandu joġġezzjona xorta waħda u jitlob li din iż-żona tiġi kkunsidrata bħala *protected enclave*.

3.18 Il-kunsilliera ġew infurmati li l-kunsill għandu jitlob għad-devoluzzjoni tal-Fortizza bħala ufficċini ġodda tal-kunsill.

3.19 Korrispondenza minn Dott Fortunata Randisi dwar *Chirstmas – A tale to live*. Il-viċi sindku J. Gonzi flimkien mal-kunsilliera tal-kultura M. Aquilina, S. Camilleri u E. Cuschieri

se jieħdu ħsieb li jorganizzaw attivita għall-Milied. Is-Sindku N. Dimech talab li l-kunsill ikun infurmat bl-ispiża minn qabel.

3.20 It-talba minn Yurgen Buhagiar sabiex jitwaħħal culvert fis-slipway ta' Dixies Kiosk ma' ntlaqtgħetx mill-kunsill minħabba li tista tikkawża periklu.

3.21 Is-sindku N. Dimech staqsa jekk il-kunsill jaqbilx joħroġ tender biex jerġgħu jitwaħħlu *fairy lights* madwar is-siġar tal-*promenade* kollu. Is-sindku qal ukoll li se jinvolvi lis-Sur Peter Calleja bħala konsulent. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.22 Talba minn *Inspire, The Foundation for Inclusion* sabiex il-kunsill ikun jista jgħin f'attivita li se tiġi organizzata fit-8 ta' Novembru, 2009. Il-kunsill qabel li għandu jagħti Ewro 100.

*Il-viċi sindku J. Gonzi ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-8.10pm*

3.23 Dwar l-applikazzjoni PA 2181/09 dwar l-*istands* fuq il-bankina, il-kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA fejn jgħid li hu ma kienx infurmat dwar din l-applikazzjoni kif ukoll li l-kunsill mhuwiex ċert jekk din l-applikazzjoni hijiex skont il-liġijiet tal-pulizija.

3.24 Il-kunsill qabel li għandu jixtri *spike protector* wara li s-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kellna xi ħsarat wara l-maltemp.

3.25 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qal li l-kunsilli għandhom bżonn joħorġu sejħa għall-offerti rigward l-iskema ta' *energy saving*. Is-segretarju eżekuttiv informa wkoll li ħafna mill-kunsilli kellhom bżonn ingineer sabiex jistabillixxi l-*ispecifications*. Il-kunsill għandu jistaqsi xi kunsill ieħor jekk jistax jgħaddilna kopja ta' dawn l-ispecifications biex ikun jista jinħareġ it-tender.

3.26 Dwar l-applikazzjoni PA 3051/09 għal *sales ticketing booth* fix-Xatt, il-kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal-fatt li hemm bżonn ikun hemm pjan holistiku. Il-kunsill qal ukoll li hemmhekk ma jista jsir xejn sakemm isir il-proġett mil-kunsill flimkien ma' l-ADT.

3.27 Korrispondenza mis-Sur Morana għan-nom ta' SRA fejn talab il-permess sabiex issir *car free day* f'Tas-Sliema. Il-kunsilliera preżenti qalu li mhijiex fil-kompetenza tal-kunsill li jagħti dan it-tip ta' permess.

3.28 Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta tliet stimi għall-manutenzjoni tal-*bus shelter* fi Triq San Ġakbu għaliex il-kunsill irċieva diversi ilmenti li hemm bżonn li din tiġi rranġata. Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li l-kunsill għandu jġib stima oħra minn *Buccaneer Boats* għall-bus stop ta' l-*istainless steel*.

**4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

Dawn ġew diskussi fl-aħħar item ta' l-agenda numru 11.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Is-sindku N. Dimech informa li l-kunsill kien irċieva l-kontijiet ta' Velljo Services rigward il-ġbir ta' skart, iżda dawn kellhom bżonn jiġu kkoreġġuti u sakemm ġew il-kontijiet riveduti leħqet intbagħtet l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsill qabel li x-xhur ta' Awwissu u

Settembru għandhom jitħallsu u jitniżżlu fil-*grey area* ta' l-iskeda li jmiss.

5.1 Is-sindku N. Dimech ippropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10583 sa 10645 minbarra ċekk numru 10644 ta' Tony Aquilina Ltd skont kif ġie diskuss f'din il-laqgħa stess f'punt 3.1. Il-kunsillier B. Cali issekondah. Il-kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

**6. Deċiżjoni dwar il-post vakant għall-persuna klerikali**

Dan l-item ġie diskuss f'punt 3.5 ta' din is-seduta.

**7. Aġġudikazzjoni tat-tender – EU Funding Services**

Għal din it-tender kienu applikaw dawn il-kumpaniji:
Weave, D Consulta, E Cubed u Outlook Coop.

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti u evalwazzjoni li kienet saret fit-30 ta' April, 2009.

Is-sindku N. Dimech, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace qablu li l-kunsill għandu jagħżel lil *Outlook* minħabba li huma offrew l-aħjar u għandhom esperjenza ma' kunsilli lokali oħra. Il-kunsill qabel li l-kuntratt għandu jkun għal tliet snin fejn jiġġedded kull sitt xhur.

**8. Deċiżjoni dwar il-kuntratti tat-tindif tat-toroq, latrini pubbliċi u *bulky refuse***

Dan l-item ma' ġiex diskuss f'din is-seduta

**9. Deċiżjoni dwar it-tender li kien ħareġ – Provision Various Materials**

Il-kunsill qabel li m'għandux jiġi ġġudikat u għandu jitwaqqaf il-proċess ta' dan it-tender.

**10. Dwalijiet madwar is-siġar tal-promenade**

Dan l-item ġie diskuss f'punt 3.21 ta' din is-seduta

**11. Affarijiet Oħra**

11.1 Il-kunsillier E. Cuschieri ħeġġeġ lil kull kunsillier biex kemm jista jkun jattendu għall-attivitajiet li jorganizza l-kunsill stess.

11.2 Il-kunsillier J. Galea qal li l-kunsill ta' min jgħin l-iscouts wara li għenu lill-kunsill inaddfu Tas-Sliema. Il-kunsill qabel ma dan u għandu jixtri *tennis paint* aħdar u niżbħulhom ftit quddiem l-area tagħhom.

11.3 Il-kunsill qabel li għandu jsir iffriskar ta' linji quddiem id-Day Centre fi Triq Santa Marija.

11.4 Il-kunsill ġie infurmat li għat-talba tal-kunsill li kien għamel għal *fish bone parking* fi Triq Dingli, il-kunsill ġie mitlub mil-ADT biex jagħmel pjanta fejn iridu jiġu eżatt. Il-kunsillier M.

Debono talab biex issir talba wkoll għal *fish bone parking* fi Triq Parisio.

*Il-kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.45pm*

11.5 Il-kunsillier B. Cali fakkar lil kunsillier M. Debono li kellhom jinżlu *on site* fi Triq San Vinċenz minħabba l-problema ta' l-ilma. Iż-żewġ kunsilliera ftehmu li jinżlu l-Ġimgħa fl-10 ta' filgħodu u fil-każ isir l-parkeġġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq on a *trial basis* fil-parti t'isfel ta' Triq San Vinċenz.

11.6 Il-kunsillier B. Cali ippreżenta l-faċċata li se tkun ġdida għall-publikazzjoni tal-magazin tal-kunsill tal-ħarġa li jmiss.

Is-seduta ntemmet fid-9pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*
*Department for Local Government*

occ ' n

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XI

2 ta' Ottubru 2009

Lis-Sindki u
lis-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 57/2009**

**DISPOSAL FEES ĠODDA GĦAR-RIMI TAL-ISKART IMĦALLAT FIL-LANDFILL**

B'żieda mal-informazzjoni mgħotija fis-seminar li sar nhar it-22 ta' Settembru 2009 fis-sala tal-Kunsill Lokali Birkirkra, id-Dipartiment qiegħed ifakkarkom fid-dettalji l-aktar importanti tal-proċedura l-ġdida:

1) mill-1 ta' Ottubru 2009, id-*disposal fee* għar-rimi tal-iskart imħallat fil-*landfill* ser tkun ta' € 20 kull tunellata;
2) Il-Kunsilli Lokali ser jibdew iħallsu għal din it-tariffa;
3) Il-Gvern ser jgħaddi lill-Kunsilli Lokali il-flus relatati ma' din in-nefqa. Dawn l-ammonti huma ikkalkulati fuq data li għandha il-Wasteserv Malta Ltd;
4) Matul il-perjodu Ottubru - Diċembru 2009, il-Kunsilli Lokali ser ikunu obbligati li jħallsu biss dak l-ammont li qed jingħatalhom mill-Gvern;
5) Matul dan il-perjodu (ta' moniteraġġ), il-Kunsilli għandhom javżaw lil Wasteserv Malta Ltd kull meta l-fattura (*invoice*) tkun ta' aktar tunnellaġġ minn dak li għalih ikunu ġew allokati l-flus mill-gvern, u jħallsu sal-massimu tal-flus li qed jingħataw u mhux iżjed.

Qed nibgħatulkom ukoll ċirkolari maħruġa mill-Wasteserv Malta Ltd. Fil-granet li ġejjin id-Dipartiment ser jgħaddilkom il-fondi msemmija.

Silvio Frendo
għad-Direttur (Gvern Lokali)

Kopji: Segretarju Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti *(ITSD)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Privat, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), Uffiċċju tal-Prim Ministru
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

Mehmuża: Ċirkolari mill-Wasteserv Malta Ltd datata 29 ta' Settembru 2009.

SF/mixed refuse collection/tipping fees -memo

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 1443
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904

# WasteServ Malta Ltd

29 ta' Settembru 2009

**Ghall-attenzjoni tas-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi**

**Suggett: Zieda fit-tariffi ghall-immaniggjar tal-iskart**

Il-Gvern, permezz tal-WasteServ, jipprovdi servizz essenzjali ta' rimi ta' skart mid-djar taghna kif ukoll minn attivitajiet orha li jiggeneraw l-iskart. Kif wiehed jista' jiftakar l-metodu li uzajna fil-passat sa minn meta ssehibna bhala membri fl-Unjoni Ewropeja kien li npoggu l-iskart fuq l-art u nghattuh bit-trab u gebel iggenerat mill-industrija tal-kostruzzjoni. Din il-prattika wasslet biex inholqu d-diversi mizbliet li hawn imxerda ma' Malta u Ghawdex u li ghadhom sa llum joholqu nkonvenjent ghalkemm hemm minn dawn il-mizbliet li ilhom maghluqin ghal dawn l-ahhar tletin sena.

Peress illi l-metodu ta' kif wiehed jopera l-mizbliet kien wiehed primittiv, l-ispiza kienet baxxa u fl-1997, il-Gvern kien introduca l-ewwel hlasijiet ghar-rimi ta' skart li kienu jirriflettu l-ispiza rikorrenti ta' dawk iz-zminijiet. Matul l-ahhar hdax-il sena ddahlet teknologija gdida mehtiega biex l-iskart fil-*landfills* ma jikkawzax hsara lill-ambjent u sahhet l-abitanti. L-spiza biex jinbnew kif inhuma ahjar maghrufa, l-*Engineered Landfills*, li jinvolvu bini ta' saffi b'materjal specjali li jaghtu l-protezzjoni mehtiega kif ukoll jintuza metodu specifiku ta' stivar u ppakkjar tal-iskart qieghed jiswa lill-Gvern madwar €6 miljun fis-sena. Din l-ispiza tfisser li kull tunnellata ta' skart li titpogga go l-*Engineered Landfill* tiswa madwar €30; din il-figura tinkludi l-ispiza ghall-*capping* u restawr finali tal-*Landfill*.

Wara diversi xhur ta' tahdidiet, il-Gvern approva sensiela ta' tariffi godda ghar-rimi ta' skart fil-facilitajiet pubblici kif muri f'Tabella 1. Ghaldaqstant se jinhareg avviz legali li jemenda l-AL 128 ta' 1997.

Kif gie spjegat fil-laqgha li saret ma l-On. Dr. Chris Said nhar it-Tielta 22 ta' Settembru 2009, it-tariffi l-godda se jigu fis-sehh ghall-skart li jitwassal f'isem il-Kunsilli Lokali fil-facilitajiet tal-WasteServ mill-1 ta' Ottubru 2009.

Tabella 1 turi li t-tariffa ghal dak l-iskart li jintbghat ghar-riciklagg hija ferm irhas minn dik ghall-iskart li jintbghat l-*Engineered Landfill*. Ghalhekk kull Kunsill ghandu l-incentiv biex jirrickla.

Phoenix Building, Old Railway Track, Sta. Venera SVR 9022 - Malta Company Reg. No. C30560
Tel: (00356) 2385 8000 Fax: (00356) 2144 1930 Email: info@wasteservmalta.com Website: www.wasteservmalta.com

Printed on Recycled Paper

**Tabella 1**

| | Skart mhux perikoluz | €/tunnellata |
|---|---|---|
| A | Skart imħallat li jintrema ġo *landfill* f' faċilita' pubblika u / jew faċilitajiet privati mogħtija b'kuntratt sabiex jipprovdu servizz pubbliku bħal dak, li f'kull każ ikun / ikunu maħsub/a sabiex jipprovdu servizzi ta' din ix-xorta. | 20 |
| B | Skart li jintrema għal trattament bijoloġiku jew għal xi teknologija simili f' faċilita' pubblika u / jew faċilitajiet privati mogħtija b'kuntratt sabiex jipprovdu servizz pubbliku bħal dak, li f'kull każ ikun / ikunu maħsub/a biex jipprovdu servizzi ta' din ix-xorta | 20 |
| C | Skart niexef separat fil-bidu għar-riċiklaġġ/irkupru li jintrema f'xi faċilita' pubblika u / jew faċilitajiet privati mogħtija b'kuntratt sabiex jipprovdu servizz pubbliku bħal dan, li f'kull każ ikun / ikunu maħsub/in sabiex jipprovdu servizzi ta'' din ix-xorta. * | 0.50 |
| D | Skart goff magħżul u (niexef) għar-riċiklaġġ li jintrema f'xi faċilita' pubblika u / jew faċilitajiet privati mogħtija b'kuntratt sabiex jipprovdu servizz pubbliku bħal dak, li f'kull każ ikun / ikunu maħsub/a sabiex jipprovdu servizzi ta' din ix-xorta f'isem il-Kunsilli Lokali | 0.50 |

Id-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali ser jalloka l-fondi mehtiega sabiex tigi koperta l-ispiza zejda. L-allokazzjoni zejda ser issir skond kalkolu li sar minn informazzjoni dwar l-ammont ta' skart li tiggenera kull persuna hekk kif pubblikat mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika. Huwa stmat li kull persuna tiggenera madwar 0.78 kg ta' skart kuljum. Kull Kunsill ser jircievi nformazzjoni dwar l-ammont ta' skart li huwa stimat li jiggenera (0.78 kg x 365 jum x numru ta'

residenti). Ghal fini ta' kalkolu ta' l-allokazzjoni, qed nassumu li l- iskart kollu sejjer fl-*Engineered Landfill.*

***Ezempju:***

*Kunsill Lokali li ghandu 3,000 resident*

*Kwantita ta' skart => 0.78 kg x 365 jum x 3,000 resident = 854.10 tunnellata*

*Allokazjoni zejda => 854.10 tunellata x €19.23 = €16,424.34*

*Jekk il-Kunsill jigbor 900 tunnellata ta skart imhallat u 50 tunellata ta' skart isseparat riciklabbli, l-ammont li jrid jhallas huwa:*

*€16,424.34 + (50 tunellata x €0.50) – (50 tunellata x €19.50) = €15,474.34*

*Beneficcju => €16,424.34 - €15,474.34 = €950*

B'hekk, ghal kull tunellata ta' skart li tigi separata ghar-riciklagg, il-Kunsill jista' jgawdi beneficcju finanzjarju ta' €19.50 ghal-kull tunnellata ta' skart li jirricikla. Ghalhekk il-Kunsilli ghandhom iheggu lic-cittadini biex jirricklaw biex b'hekk tonqos l-ispiza tal-iskart li jsib ruhu dirett lejn il-*Landfill* u jiggwadjanaw mill-beneficcju ta' €19.50 ghal kull tunnellata ta' skart riciklat.

Matul il-perjodu bejn Ottubru u Dicembru il-WasteServ ser tkun qed taghmel ezercizzju sabiex l-ammont ta' skart li jigi ggenerat f'kull Kunsill Lokali jigi verifikat u biex jigu ccarati anomaliji li jistghu jirrizultaw per ezempju minhabba skart iehor li jigbor il-kuntrattur waqt jew wara l-gabra tad-djar. Ghalhekk inheggu il-Kunsilli sabiex jizguraw u jesigu lill-kuntrattur, kemm jista' jkun, jigbor l-iskart domestiku tal-lokal taghhom biss.

Kif mitlub mit-*template* il-gdida ghall-kuntratti tal-gbir tal-iskart f'isem il-Kunsilli Lokali, it-tariffa ghar-rimi tal-iskart ser tithallas direttament lill-WasteServ mill-Kunsill. L-ewwel kont bit-tariffa il-gdida ser jinhareg fit-tieni gimgha ta' Novembru u jkun ikopri ix-xahar ta' Ottubru.

Il-WasteServ disposta tkompli tiddiskuti mal-Kunsilli fejn hemm bzonn ta' ghajnuna jew kjarifika.

Inselli ghalik.

**Ghal / Ing Vincent Magri**
**Kap Ezekuttiv**